MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2008

Appell Civili Numru. 37/2004/1

**Alpine Travel Limited**

**v.**

**Helen armla tal-President tal-Qorti**
**Dottor Carmelo Schembri u John, Robert, David,**
**Joseph, Mario, Michael, Rosanne mart Herbert Scerri minnu**
**legalment separata llum iggib il-kunjom Schembri,**
**Lucia mart Stephen Dimech, Connie mart Stephen Grech,**
**Christine mart Robert Pace u**
**Angela mart David Cassar Borg ilkoll ahwa Schembri**
**u l-Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

1.1. Dan hu appell interpost mis-socjeta` rikorrenti minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza, wahda ta’ indole kostituzzjonali, fl-ismijiet premessi u li giet deciza fl-4 ta’ Ottubru 2006.

1.2. F’dik is-sentenza, li minnha qieghed isir dan l-appell dik il-Qorti kienet iddecidiet hekk:
“Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta’ u tiddeciedi,** billi tichad ir-risposti rispettivi tal-intimati in kwantu l-istess huma nkompattibbli mal-premess, **tilqa’ t-talba tas-socjeta` rikorrenti fir-rikors taghha tat-18 ta’ Ottubru 2004 biss u limatament ghal dak indikat fit-tielet paragrafu tat-tielet faccata tar-rikors tas-socjeta` rikorrenti u nkwantu hawn deciz b’dan ghalhekk li:-**

“(1) Tiddikjara u tiddeciedi li s-sentenza ta’ l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fl-ismijiet **“Helen mart il-President tal-Qorti tal-Appell Dottor Carmelo Schembri et vs Anthony Goerge Zahra nomine”** (Appell Civili Numru 256/1994/2) datata 14 ta’ Mejju 2004 hija nulla u bla effett *stante* li gie vjolat id-dritt tas-socjeta` rikorrenti abbazi ta’ l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** fil-parametri ta’ dak hawn fuq deciz u b’dan ghalhekk li l-kawza ta’ ritrattazzjoni indikata mibdija mis-socjeta` rikorrenti bir-rikors taghha datat 18 ta’ Gunju 2003 ghandha tigi riappuntatata, trattata u deciza minn tlett imhallfin li ma jkunux iddecidew s-sentenza ta’ Onorabbli Qorti tal-Appell fuq indikata fl-istess ismijiet premessi deciza fit-30 ta’ Mejju 2003 (Citaz. Numru 256/1994).

“Bl-ispejjez jinqassmu bin-nofs bejn l-intimat Avukat Generali u l-intimati l-ohra Helen Schembri et.”

2.3. Ghal intendiment ahjar ta’ dana l-appell qeghda tigi mehmuza kopja legali tas-sentenza appellata fl-ahhar ta’

din id-decizjoni, li pero` ghandha titqies bhala formanti parti integrali mill-korp ta’ din is-sentenza.

**L-APPELL TAS-SOCJETA` RIKORRENTI U T-TALBIET TAGHHA RELATIVI GHALL-APPELL**

2. Is-socjeta` rikorrenti appellanta, permezz ta’ l-appell taghha qeghda titlob riforma tas-sentenza appellata fis-sens segwenti, billi:

“1. Filwaqt li tikkonfermaha in kwantu ddikjarat u ddecidiet li d-dritt ghal smiegh xieraq ta’ l-esponenti gie vjolat fil-proceduri ta’ ritrattazzjoni (fl-ismijiet “Helen mart il-President tal-Qorti ta’ l-Appell Dottor Carmelo Schembri et vs Anthony George Zahra deciza mill-Qorti ta’ l-Appell nhar l-14 ta’ Mejju 2004, Nru 256/1994/2) u ordnat li dik il-procedura “*ghandha tigi riappuntata, trattata u deciza minn tlett imhallfin li ma jkunux iddecidew is-sentenza ta’ l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fuq indikata fl-istess ismijiet premessi deciza fit-30 ta’ Mejju 2003 (Citaz. Numru 256/1994).*

“2. Tirrevokaha u thassarha in kwantu ma sabet l-ebda vjolazzjoni tad-dritt ta’ smiegh xieraq fil-proceduri ordinarja mertu ta’ dan ir-rikors, ossia l-kawza fl-ismijiet “Helen mart il-President tal-Qorti ta’ l-Appell Dottor Carmelo Schembri et vs Anthony George Zahra deciza mill-Qorti ta’ l-Appell nhar it-30 ta’ Mejju 2003, Nru 256/1994), billi tichad l-eccezzjonijiet kollha ta’ l-intimati u tiddikjara u tiddeciedi li fil-proceduri ordinarji tal-kawza (Nru 256/1994) gew vjolati d-drittijiet fondamentali taghha ghal smiegh xieraq minn tribunal imparzjali u ndipendenti mwaqqaf b’ligi u mid-dritt li ma jsofrux diskriminazzjoni u dan a tenur ta’ l-artikoli 6 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja, kif ukoll ghal vjolazzjoni tal-possedimenti tieghu, u cioe` tal-lokazzjoni tal-hanut maghruf bhala Alpine Travel, Bisazza Street, Sliema, a tenur ta’ l-Artikolu 1 ta’ l-ewwel protokoll ta’ l-istess Konvenzjoni Ewropeja u b’hekk taghtiha dawk ir-rimedji kollha li jidhrilha mehtiega u opportuni, inkluz it-thassir tal-precitata sentenza u d-danni la huwa sofra bhala rizultat ta’ l-istess proceduri.

“Bl-ispejjez kontra l-intimati.”

**<u>L-AGGRAVJI TAS-SOCJETA` RIKORRENTI APPELLANTA</u>**

3.1. L-aggravji tas-socjeta` rikorrenti appellanta, esposti fi stil kemm xejn ripetittiv, jistghu jigu sintetizzati kif ser jinghad:

(i) l-appellanti tissottometti li d-dritt taghha ghal smigh xieraq gie vvjolat mhux biss fil-procedura ta' ritrattazzjoni, imma <u>anke</u> fil-proceduri ordinarji. Dan id-dritt – wiehed wiesgha – jista' jigi riskontrat anke jekk ma hemm l-ebda vjolazzjoni tar-regoli tal-procedura legali Maltija. L-Artikolu 734 tal-Kap. 12 ma jistax ifisser illi, bhal fil-kaz in ezami, perit espert mahtur mill-Qorti ghandu parentela ftit iktar lata minn kif hemm provdut fil-ligi tal-procedura, allura ma jistax ikun hemm nuqqas ta' smigh xieraq. Tali "parentela qariba maghduda ma' l-imgieba tal-perit" kienet tikser dan id-dritt. Hija ma kellhiex rimedju taht l-Artikolu 653 tal-Kap. 12 "kemm ghaliex ma kenitx taf bil-konflitt ta' interess hlief fil-mori ta' proceduri ta' appell" u "l-ghaliex il-konflitt ta' interess oggettiv riskontrat fil-kaz ... wahdu x'aktarx ma kienx ikun bizzejjed ... peress li ma jaqax fl-ambitu ta' l-Artikolu 734."

(ii) Kien hemm ukoll "fatti ulterjuri", u senjatament dawk tat-"trapass tal-limiti imposti fuq l-istess perit fl-inkarigu tieghu li johloq dubbju dwar l-imparzjalita`" tieghu, jigifieri konflitt ta' interess soggettiv. Dan in-nuqqas jimpingi fuq ir-rapport peritali billi jirrendih "*tainted*" u "null".

Il-fatt li l-Qorti m'ghandhiex obbligu li taccetta il-konkluzjonijiet ta' perit bl-ebda mod ma jfisser li l-perit gudizzjarju "ghandu mano libera u ma huwiex marbut mad-dmir li jirrispetta d-dritt ta' smigh xieraq tal-partijiet kollha". Dan ir-rapport "kellu influwenza <u>krucjali</u> fuq l-ezitu tas-sentenza".

(iii) Kien hemm ukoll ksur ta' dan id-dritt ghaliex il-kaz in ezami "ma giex trattat bhal kazijiet simili ohra".

3.2. Il-kompetenza biex tisma' l-kawza kienet tispetta lill-Bord li Jirregola l-Kera, izda l-kawza nstemghet mill-Prim Awla tal-Qorti Civili u kwindi rceviet trattazzjoni ghal kollox differenti minn kawzi ohrajn simili u spiccat biex tilfet minn

dik il-“protezzjoni specjali” moghtija lill-inkwilin taht il-ligi specjali, bir-rizultat li hija sfat zgumbrata mill-fond lokat. Zgumbrament minn kirja minhabba tibdiliet strutturali hu rimedju iebes hafna, u l-ewwel Qorti lanqas biss ikkunsidrat jekk fic-cirkostanzi kollha tal-kaz is-sentenza taghha kenitx wahda ragjonevoli, u li tirrispekkja l-gurisprudenza taghna meta r-rimedju moghti hu wiehed eccessiv.

3.3. Kull parti tal-process kellha tittiehed fl-assjem u mhux kull parti titqies indipendentement minn ohra, kif gara f’dan il-kaz – wiehed irid iqis l-aspett ta’ “fair hearing” billi wiehed ihares lejn il-procediment intier, mill-bidu sat-tmiem. Il-kumplessita` tal-proceduri jridu mbaghad jinghaqdu “mal-fatt li l-perit tekniku ... kien parentat ma’ l-atturi u ... l-attur originali tas-sentenza ... kien President tal-Qorti” – fatti dawn li flimkien “joholqu biza’ serja u ragjonevoli ta’ konflitt ta’ nteress fit-trattament tal-kaz tas-socjeta` appellanti”.

Id-dritt ghal smigh xieraq tas-socjeta` appellanti gie ghalhekk ivvjolat u dan il-ksur wassal direttament ghall-izgumbrament in vjolazzjoni ta’ l-Artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja.

**<u>IR-RISPOSTA TA’ L-AVUKAT GENERALI GHAR-RIKORS TA’ APPELL</u>**

4.1. L-Avukat Generali wiegeb li l-appell huwa “manifestament frivolu u vessatorju” billi l-lanjanzi kollha sottomessi fir-rikors ta’ appell gew trattati ampjament fis-sentenza appellata.

Dwar l-ewwel aggravju, hija l-Qorti, u mhux il-perit tekniku, li tiddeciedi l-kawza.

4.2. Dwar l-allegata parentela tal-perit tekniku ma’ wahda mill-partijiet, dan hu biss kugin tar-ragel ta’ Christine Pace u l-ewwel Qorti ta’ l-Appell tat ir-ragunijiet taghha l-ghala dan il-pregudizjal kien infondat. Il-pozizzjoni ta’ dan il-perit bhala perit gudizzjarju ma kenitx tali li jista’ jinghad li kien hemm ksur tad-dritt ta’ smigh xieraq kif sancit fil-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropeja.

Dwar l-aggravju l-iehor l-appellanta qeghda tipprova “tuza” din il-Qorti biex terga’ tiftah kamp li gia` gie dibattut u deciz mill-Qorti ta’ l-Appell. Ma kienet tezisti ebda raguni taht il-ligi ghalfejn il-kaz ta’ l-appellanti ma setax jinstema’ mill-Prim Awla tal-Qorti Civili u mhux mill-Bord tal-Kera. Tali dritt ta’ rikors esklussiv quddiem Bord isehh biss fejn il-ligi specifikament hekk tipprovdi. Certament jidher li mhux hekk kien il-kaz mertu ta’ l-appell odjern.

4.3. Dwar l-ahhar aggravju, m’hemm xejn eccessiv fir-rimedju moghti. Dan hu konsegwenza naturali tax-xoljiment tal-lokazzjoni. Hu biss jekk l-appellanta turi li l-Prim Awla agixxiet oltre l-poteri moghtija lilha mil-ligi li hija tkun tista’ tallega nuqqas ta’ smigh xieraq fil-konfronti xejn ta’ pregudizzju ghad-dritt ta’ persuna ghal smigh xieraq.

## IR-RISPOSTA TA’ L-INTIMATI KOLLHA L-OHRA

5.1. L-intimati kollha l-ohra, hlief l-Avukat Generali wiegbu li t-talbiet ta’ l-appellanta ghandhom jigu respinti.

Il-lanjanzi kollha ta’ l-appellanti fil-fatt gew trattati dettaljatament kemm mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, mill-Qorti ta’ l-Appell, mill-Qorti ta’ l-Appell fil-kawza tar-ritrattazzjoni, kif ukoll mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza odjerna (recte: mil-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha).

5.2. Dwar il-lanjanza ta’ nuqqas ta’ smigh xieraq l-appellanta tonqos milli tiddistingwi bejn ksur ta’ obbligi naxxenti mil-ligi. Fil-kuntratt lokatizju bejn il-partijiet kien hemm divjet espress fis-sens li ebda alterazzjonijiet strutturali ma setghu jigu esegwiti mill-inkwilin jekk ma jkunx hemm il-kunsens bil-miktub tas-sid. Din hija distinzjoni fondamentali li r-rikorrenti intenzjonalment jew le injorat.

Fl-ahharnett, huma m’ghandhom l-ebda oggezzjoni li l-kawza ta’ ritrattazzjoni terga’ tigi ritrattata u deciza minn gudikanti ohra.

## KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DIN IL-QORTI

6. Is-socjeta` rikorrenti appellanta bbazat it-talbiet taghha fuq erba' (4) lanjanzi, jigifieri:
(i) illi l-perit gudizzjarju, l-Arkitett u Inginier Civili David Pace, nominat mill-Qorti kellu parentela ma' l-atturi u konsegwentement la kien imparzjali u lanqas indipendenti. Tali parentela nzammet okkulta sakemm skoprietha s-socjeta` appellanta.

Inoltre, l-istess perit iddecieda wkoll punti ta' natura legali li kompla ggrava l-pregudizzju soffert minnhom;

(ii) illi t-tribunal kompetenti biex jiehu konjizzjoni tal-vertenza kellu jkun il-Bord illi Jirregola l-Kera u mhux il-Prim Awla tal-Qorti Civili;

(iii) illi, f'kull kaz, l-alterazzjonijiet strutturali li ntaghmlu mill-appellanta ma kellhomx iwasslu ghall-izgumbrament taghha mill-fond lokat;

(iv) illi l-kawza tar-ritrattazzjoni giet deciza mill-istess tlett imhallfin li kienu gia` ddecidew il-kawza fl-istadju ta' l-appell.

7. Dwar ir-raba' lanjanza – kif kontenuta fir-rikors promotorju – jirrizulta li fil-fatt l-ewwel Qorti laqghet l-istess lanjanza billi sabet tassew vjolazzjoni taht dana l-aspett u ghalhekk isegwi li r-ritrattazzjoni mitluba ghandha issa terga' tinstema' mill-gdid minn tlett gudikanti ohra differenti u jirrizulta inoltre li minn din il-parti ma gie interposta ebda appell incidentali mill-kontropartijiet appellati u ghalhekk jidher li din il-parti tas-sentenza ghaddiet in gudikat. Jigi nnutat ukoll li l-intimati appellati (mhux l-intimat Avukat Generali) iddikjaraw espressament li huma m'ghandhom ebda oggezzjoni illi l-kawza ta' ritrattazzjoni terga' tigi ritrattata u deciza minn gudikanti ohra, ghalhekk jidher li ghal dak li jirrigwarda din ir-raba' lanjanza, il-mertu huwa definittivament maghluq u ma hemm xejn aktar x'jinghad dwarha.

**DWAR L-EWWEL AGGRAVJU**
8. Dwar l-ewwel aggravju, ghandu fl-ewwel lok jigi rilevat li *stricto jure*, il-Kodici ta' Organizzazzjoni u

Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) ma jikkontjeni ebda dispozizzjoni specifika li tipprojbixxi persuna milli tkun nominata perit gudizzjarju f'kawza ghar-raguni li tkun imparentata (kugin fil-kaz in ezami) mar-ragel ta' wahda mill-atturi f'dik il-kawza. Konxju minn dan l-ostakolu statutorju, l-appellanti ssosni li, ankorke` dan hu hekk, "id-dritt ta' smigh xieraq huwa kuncett li ma jistax jigi ridott ghal ftit elementi u regoli definitivi" u li ksur tad-dritt tas-smigh xieraq "jista' jigi riskontrat anke jekk ma hemm l-ebda vjolazzjoni tar-regoli procedurali Maltin."

9. Din il-Qorti tibda billi tosserva li, apparti dak li hemm imnizzel fil-Kodici tal-Procedura, lanqas ma hija korretta t-tezi tas-socjeta` rikorrenti li b'dak li rrelata l-perit gudizzjarju fil-kawza gie li dan iddetermina u ddecieda hu wkoll l-istess kawza. Huwa minnu li relazzjoni ta' natura teknika ghandha piz li jista' jkun determinanti f'kawza imma <u>l-ahhar kelma hija dejjem tal-Qorti</u>. Dan apparti li l-istess regoli tal-procedura jassiguraw ukoll il-possibbilita` li kwalsiasi relazzjoni peritali tkun tista' tigi mhux biss mgharbla u skrutinata imma taghti possibbiltajiet ampja ta' kontrolli lil kull parti bi proceduri diversi li jistghu jittiehdu bhalma huma dawk ta' l-eskussjoni tal-perit, talba ghan-nomina ta' periti addizzjonali, produzzjoni ta' periti "ex parte", u noti ta' kritika, skond il-kaz. Minn dan kollu xejn ma gie mittiefes jew michud bhala dritt la lil naha u lanqas lil ohra. Fil-fatt jirrizulta li s-socjeta` appellanta kienet anke pprevalixxiet mid-dritt taghha li teskuti lill-perit gudizzjarju kif ukoll ipprezentat nota ta' kritika (ara fol. 71-75 tal-process u d-depozizzjoni tal-perit tekniku a fol. 76 et seq. tal-process). Anzi jirrizulta li s-socjeta` appellanti pprezentat nota ohra ta' osservazzjonijiet li fiha sahansitra kkummentat u kkritikat partijiet mir-risposti li nghataw mill-perit tekniku fil-kors ta' l-ezercizzju ta' eskussjoni (ara fol. 82 *et seq*. tal-process). Dan kollu jiddimostra ampjament li altru milli s-socjeta` appellanta nghatalha smigh xieraq waqt il-procediment tal-kawza istitwita kontriha mill-parti appellata. Kien biss fl-istadju ta' appell – mizura ohra ta' kontroll u revizjoni minn kif deciz mill-Qorti ta' l-ewwel grad – li s-socjeta` appellanta ssollevat ghall-ewwel darba l-pregudizzjal dwar l-allegata parentela bejn il-perit tekniku u wahda mill-partijiet attrici. Jigi wkoll innutat li fin-nota ta'

ossevazzjonijiet li giet sottomessa f'isimha quddiem il-Qorti ta' l-Appell, fejn hemm riferenza dwar l-allegata parentela, surreferita, hemm imnizzel li gej (ara fol. 105, para.2),
"Dan il-punt gie mqajjem mill-esponent fl-ewwel seduta malli huwa sar jaf bl-ezistenza ta' dik il-parentela, u cioe` li l-perit David Pace jigi prim kugin ta' Mrs. Christine mart Robert Pace nee` Schembri ..."

10. Fil-fatt lanqas dan it-taghrif m'huwa korrett ghaliex il-parentela li giet stabbilita li tezisti kienet bejn il-perit tekniku u r-ragel ta' l-imsemmija Christine Pace. Jigi wkoll innutat li l-oggezzjoni relattiva da parti tas-socjeta` appellanta giet registrata mhux biss wara l-prezentata tar-relazzjoni peritali imma wara wkoll li nghatat is-sentenza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili. Sa dakinhar ma jidhirx li s-socjeta` appellanta kienet qeghda tqis b'suspett dak illi rrelata dwaru l-perit tekniku. Altru ma taqbilx mal-konkluzzjonijiet raggjunti, specjalment meta dawn huma kontra t-tezi tieghek, u altru li tahseb li dak li gie relatat mill-perit legali kien frott ta' pregudizzju mill-izjed gravi. Fil-fatt jirrizulta inoltre li fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' Mejju 2003 (ara kopja taghha a fol. 118-132 tal-process) jirrizulta li dan l-aggravju gie debitament ikkunsidrat b'mod approfondit minn dik il-Qorti u li pero` gie respint. Din il-Qorti ma jidhrilhiex li s-socjeta` appellanta ddimostrat b'mod sodisfacenti kif u meta saret edotta b'tali parentela u dan ghaliex li kieku kienet hekk edotta kienet fid-dover li tqajjem dan il-punt ghall-konsiderazzjoni tal-Qorti konformement ma' dak li hemm imnizzel fl-Artiklu 653 tal-Kap. 12 li jghid hekk;
"Il-perit jista' jigi rikuzat ghal raguni tajba, f'kull zmien, sakemm ma jkunx ta r-rapport tieghu, kemm-il darba li l-parti li tirrikuzah tahlef li ma kenitx taf b'dik ir-raguni fiz-zmien tal-hatra, u li hija qatt ma dehret quddiem il-perit u lanqas ma ghamlet ebda att quddiemu, minn mindu giet taf b'dik ir-raguni".

Apparti naturalment l-ostakolu l-iehor li "*stricto jure*" il-ligi taghna lanqas teskludi tali parentela fir-rigward ta' konjugi ta' wahda mill-partijiet.

11. Konness ma' dana l-ewwel aggravju, is-socjeta` appellanta sostniet ukoll li r-rapport peritali *de quo* dahal f'materji prettament ta' natura legali meta haga bhal din ma setax jaghmilha.

Din il-Qorti jidhrilha li ilment simili m'huwiex wiehed ta' indole kostituzzjoniali billi hawn si tratta ta' lanjanza li kienet taqa' "fairly and squarely" fil-mansjonijiet tal-Qorti ta' l-Appell u fil-fatt dan il-punt sahansitra gie anke dibattut – ankorke` respint – mill-ewwel Qorti. Hija skorretta s-socjeta` appellanta li tibqa' ssostni r-relazzjoni peritali <u>ddeterminat</u> il-kawza ghas-semplici raguni li ghamlet accenn ghal dak li kien hemm stipulat fil-kuntratt lokatizzju bejn il-partijiet kontendenti u ghat-talba ghall-izgumbrament min-naha ta' l-atturi (odjerni intimati appellati) f'dik il-kawza. Dak kollu li gie relatat mil-perit gudizzju kien jammonta biss ghal <u>opinjoni</u>. Opinjoni li certament ghandha l-piz taghha imma li mhux biss hija ribattibbli u soggetta ghall-iskrutinju tal-partijiet fil-kawza imma li fuq kollox hija dejjem soggetta ghall-ezami mill-Qorti stess li finalment mhux biss ghandha l-ahhar kelma imma ghandha diskrezzjoni mill-izjed libera u ampja li taccetta, tiskarta jew tbiddel l-istess relazzjoni kif jidhrilha hi fl-interess suprem tal-gustizzja.

Isegwi ghalhekk li l-ewwel aggravju tas-socjeta` rikorrenti huwa infondat u qieghed jigi respint.

**<u>DWAR IT-TIENI AGGRAVJU</u>**

12. It-tieni aggravju huwa li t-tribunal kompetenti li suppost bil-ligi kien tenut li jisma' u jiddetermina l-kawza kellu jkun il-Bord li Jirregola l-Kera u mhux il-Prim Awla tal-Qorti Civili u dan allura kien ifisser li l-kaz "ma giex trattat bhal kazijiet simili ohra". Il-konsegwenza kienet dik li b'daqstant is-socjeta` rikorrenti tilfet dik il-protezzjoni specjali taht il-ligijiet tal-kera u dan wassal ghal ordni ta' zgumbrament.

Fil-fehma tal-Qorti dan l-aggravju huwa wiehed frivolu ghall-ahhar. Il-kompetenza o meno ta' liema Qorti/tribunal kellu jissindika l-vertenza bejn il-kontendenti kienet giet debitament dibattuta u deciza mill-Qorti – fiz-zewg istanzi

u dan ukoll in vista tal-fatt li kienet giet sollevata eccezzjoni f'dan is-sens mill-parti dakinhar konvenuta (l-odjerna socjeta` rikorrenti). Kien punt prettament ta' indole legali li jolqot l-aspett procedurali tal-kawza u din il-Qorti assolutament ma tirraviza xejn fih li jimplika ksur ta' smigh xieraq jew trattament diskriminatorju kif sancit mill-Kostituzzjoni jew mill-Konvenzjoni Ewropeja. Il-Qorti tat l-interpretazzjoni legali dwar l-imsemmija eccezzjoni, anke fi stadju ta' appell u taqbel jew ma taqbilx ma' dak illi gie deciz, il-kwistjoni kellha tieqaf hemm. Kemm parti kif ukoll ohra inghataw <u>l-istess trattament</u> u ghalhekk ma jirrizulta ebda ksur ta' xi dritt kif qed jigi sostnut mill-appellanta. Kif tajjeb irriteniet l-ewwel Qorti, l-eccezzjoni ta' inkompetenza giet ikkunsidrata quddiem il-Qorti kompetenti u dwar dan sar anke ta' appell, u l-fatt li s-socjeta` appellanta sal-lum ghadha ma taqbilx ma' dak li gie deciz f'dan ir-rigward mill-Qorti ta' l-Appell la jfisser li b'daqshekk sehhet vjolazzjoni bhax-xorta indikata mis-socjeta` rikorrenti u lanqas ma jintitolaha li tuza l-espedjent ta' procedura kostituzzjonali sabiex tintenta tinterponi appell minn decizjoni moghtija mill-Qorti ta' Appell – kif fil-fatt qeghda tipprova taghmel.

Ghal dawn ir-ragunijiet, dan it-tieni aggravju jirrizulta li huwa infondat u qieghed jigi respint.

**<u>DWAR IT-TIELET AGGRAVJU</u>**

13. Nigu issa gha-tielet u l-ahhar aggravju. It-tielet lanjanza, li hija in parte riflessjoni tat-tieni ilment, hija fis-sens li f'kull kaz, l-alterazzjonijiet strutturali li ntaghmlu min-naha tas-socjeta` rikorrenti fil-fond kummercjali lokat lilha mill-appellati ma kellhom qatt iwasslu ghall-kundanna ta' zgumbrament, li hija wahda eccessiva. Huwa biss f'dawk il-kazijiet gravuzi fejn kundanna bhal din digi applikata. Fil-kaz in ezami, issostni l-appellanta, il-Qorti strahet fuq ir-rapport tal-perit gudizzjarju u segwiet dak li gie espress f'dan ir-rapport minkejja li hawn si trattava ta' tibdiliet strutturali mhux daqshekk serji. F'kazijiet ohra bhal taghha ma wasslux ghal zgumbrament, mentri fil-konfront taghha hekk gara, li jfisser li hija giet allura diskriminata.

L-ewwelnett, imqar jekk jirrizulta li kemm il-Prim Awla tal-Qorti Civili u, warajha, il-Qorti ta' l-Appell, segwew il-fehma tal-perit tekniku gudizzjarju ma jfissirx ukoll li l-kawza *de quo* giet determinata finalment u deciza mill-perit tekniku. Id-decizjoni ittiehdet fuq evalwazzjoni shiha tal-provi akkwiziti u fis-sentenza emessi nghataw ir-ragunijiet l-ghala kien kaz li jwassal ghal zgumbrament. Is-socjeta` rikorrenti ghandha kull dritt li tasal ghall-apprezzament differenti minn dak raggunt – aktar u aktar meta ir-ragjonamenti tal-Qorti wasslu ghal decizjoni sfavorevoli ghaliha – izda b'daqshekk ma jfissirx li sehhet xi diskriminazzjoni fil-konfront taghha f'sens kostituzzjonali jew konvenzjnali. Il-Qorti ta' l-Appell ikkunsidrat it-tibdiliet li saru fil-fond lokat fid-dawl tal-kuntratt lokatizju miftiehem bejn il-partijiet u kkonkludiet li kien hemm provi bizzejjed li kellhom iwasslu ghall-izgumbrament. Diga` ntqal *supra* li m'huwiex kompitu ta' din il-Qorti li toqghod tirrevedi mill-gdid l-interpretazzjoni, l-evalwazzjoni u l-motivazzjonijiet li nghataw mill-Qorti ta' l-Appell ghax din hija Qorti b'parametri specifici kif gia` gie spjegat fil-korp ta' din is-sentenza.

Ghalhekk isegwi li dan l-aggravju huwa wkoll infondat u qieghed jigi respint.

Ghal dawn ir-ragunijiet;
Tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma *in toto* s-sentenza appellata, tichad l-appell tas-socjeta` rikorrenti, b'dana pero` li in vista tal-fatt li fi kwalsiasi kaz is-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet "Helen mart il-President tal-Qorti ta' l-Appell Dottor Carmelo Schembri et vs. Anthony George Zahra nomine (Appell Civili numru 256/1994/2) fl-14 ta' Mejju 2004 giet ddikjarata nulla a bazi ta' ksur ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja fil-parametri ta' dak li gie hemm deciz, tordna ghalhekk li l-kawza ta' ritrattazzjoni istitwita mis-socjeta` appellanta bir-rikors taghha datat it-18 ta' Gunju 2003 ghandha tigi riappuntata, trattata u deciza skond kif deciz fis-sentenza appellata jigifieri minn tlett (3) imhallfin li ma jkunux dawk li ddecedew is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell surreferita fl-istess ismijiet premessi (Citazzjoni numru 256/1994) u ghalhekk qeghda tibghat l-

atti tal-kawza, tramite r-Registratur, quddiem il-Qorti ta’ l-Appell.

L-ispejjez ta’ din il-procedura jkunu unikament a karigu tas-socjeta` rikorrenti appellanta, filwaqt li dawk l-ispejjez gudizzjarji relattivi ghall-Prim Awla tal-Qorti Civili jibqghu invarjati kif hemm deciz fis-sentenza appellata, jigifieri jinqasmu nofs bin-nofs bejn l-intimat Avukat Generali u l-intimati l-ohra Helen Schembri et.

Deputat Registratur
Df

**<u>APPENDICI</u>**

Kopja shiha tas-sentenza appellata ta’ l-4 ta’ Ottubru 2006, qeghda tigi hawn annessa biex tifforma parti integrali minn din l-odjerna sentenza

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------